MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Avviz Numru. 309/2014

**Mobisle Communications Ltd (C24655)**

**vs**

**Laycock Richard Andrew**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici pprezentat nhar id-9 ta’ Settembru 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ tlett elef, sitt mija u tnejn ewro u disgha u erbghin centezmu (€3,602.49) liema somma

hija dovuta minnu in konnessjoni mas-servizz telefoniku cellulari (numru *omissis*) bl-akkont numru 51104596 moghti mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Purtier Charles Buttigieg datata 17 ta' Dicembru 2014 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici, fil-Kunsill Lokali tal-Mosta kif ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta (fol. 12 tergo).

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikat bir-rikors promotur permezz ta' publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern nhar is-26 ta' Dicembru 2014 (fol 11) u fil-gazzetta lokali The Malta Independent nhar it-22 ta' Dicembru 2014 (fol 15).

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2015 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tas-7 ta' Jannar 2015.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2015 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu sabiex iwiegeb id-domandi attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef, sitt mija u zewg ewro u disgha u erbghin centezmu (€3,602.49) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mid-data tal-prezentata tar-rikors a debitu tal-konvenut.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------